# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PARZJALI 2118

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2859/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Antoinette Vella**

**vs**

**CareMalta Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 6 ta’ Dicembru 2011

Permezz ta’ din id-Decizjoni qed tigi deciza it-tieni talba tar-rikorrenti u cioe` dik li l-procedura ta’ dixxiplina operata mill-intimata kienet irregolari, bl-eccezzjoni relattiva da parti ta’ l-istess intimata fis-sens li mhemmx provi li l-procedura dixxiplinari kienet irregolari. Wara qbil bejn il-partijiet li l-imsemmija talba u eccezzjoni relattiva jigu decizi b’mod preliminari, dan it-Tribunal ghadda biex sema’ l-provi u t-trattazzjonijiet in rigward ta’ din it-talba u l-eccezzjoni biss, u ghadda ghal din id-decizjoni.

**Il-Fatti Relevanti**

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu Rikors b' ilment ta’ Antionette Vella li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fid-29 ta’ Novembru 2010 mill-avukat Dottor Tonio Azzopardi. Fil-qosor jinghad li fl-1 ta’ Settembru 2005 l-intimata infurmat lir-Rikorrenti b’ittra li ghal diversi ragunijiet fosthom li rceviet rigali, l-impieg taghha bhala Home Manager tar-residenza ghall-anzjani maghrufa

bhala  Zejtun Home giet itterminata.  Ir-Rikorenti ma kinitx mgharrfa sewwa x'kienu l-akkuzi jew ir-ragunijiet dettaljati li ghalihom hija tkecciet u inizjat proceduri fit-Tribunal Industrijali sabiex timpunja tali tkeccija kemm ghaliex hija ma kienx jimmeritaha li titkecca u kemm ghaliex qabel tkecciet hija ma inghatatx l-opportunita` tiddefendi ruhha minn kwalunkwe akkuza li seta' kien hemm fil-konfront taghha.

Il-kaz fit-Tribunal Industrijali  2333/HW fl-istess ismijiet tal-kaz odjern gie deciz fit-23 ta' Frar 2010 fis-sens li l-intimata kellha ragunijiet gustifikati sabiex tkecci lir-Rikorrenti, imma sabet li kemm f'laqgha apposita fid-29 ta' Awwissu 2005 u kemm fl-ittra tat-tkeccija hawn fuq imsemmija gew indikati biss "**akkuzi generic u mhux specifici u ghaldaqstant l-appellanti ma kinitx f'qaghda li tiddefendi l-kaz taghha kif jixraq**." Minhabba dan il-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, dak it-Tribunal ordna lill-intimata tikkumpensa lir-Rikorrenti fl-ammont ta' €1,500.00.

Ir-rikorrenti appellat b'diversi aggravji, fosthom li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali kienet kontradittorja in kwantu sabet lill-intimata hatja ta' ksur tal-principji tal-gustizzja naturali imma ma rrevokatx it-tkeccija relattiva tal-1 ta' Settembru 2005, u b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-21 ta' Mejju 2010 fl-Appell Civili 12/2010/PS, dik il-Qorti ddecidiet li "**takkolji l-ewwel gravam ta' l-appellanti, tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-istess appellanti titqieghed fl-istat *ante quo* il-licenzjament taghha b'mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet taghha fil-konfront ta' l-infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpanija appellata**."

Dakinhar tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, ir-Rikorrenti marret lura ghax-xoghol, izda s-socjeta` intimata ma hallithiex terga' tibda tahdem, ghalkemm xorta accettatha lura fl-impieg u bdiet thallasha s-salarju relattiv. Fil-11 ta' Gunju 2010 CareMalta Limited harget akkuzi godda kontra l-intimata u inbdew proceduri ta' dixxiplina kontra r-Rikorrenti. Ir-Rikorrenti kkontestat tali akkuzi godda kemm fil-procdura u kemm fil-mertu. Ghandu jinghad li

sussegwentment ghal dan u pendenti l-procedura ta' dixxiplina, ezattament fit-12 t'Awwissu 2010, l-intimata ressqet rikors ta' ritrattazzjoni mis-sentenza ta' l-Appell, izda b'decizjoni tas-27 ta' Jannar 2011 dik il-Qorti cahdet it-talba ghas-smiegh mill-gdid tal-appell a bazi ta' numru ta' ragunijiet hemm spjegati.

Il-Bord tad-Dixxiplina kien kompost minn zewg impjegati tal-CareMalta Limited, u wara li sar smiegh tal-kaz, fit-2 ta' Novembru 2010 inghatat decizjoni iffirmata minn wiehed mill-membri ta' dak il-Bord li biha gie deciz li "**For these reasons, the Board concludes that since you, as Home Manager of Zejtun Home, occupied a position of trust, for the reasons cited above affirms that the dismissal was justifiable**." L-intimata fil-fatt tkecciet b'effett mid-data ta' din id-decizjoni, u twaqqfilha s-salarju minn dakinhar ukoll.

Ir-Rikorrenti ressqet dan l-ilment gdid quddiem dan it-Tribunal proprju biex tikkontesta t-tkeccija taghha tal-1 ta' Settembru 2005, tikkontesta l-proceduri ta' dixxiplina li gew ri-istitwiti kontra taghha fil-1 ta' Gunju 2010 kemm fil-forma u kemm fis-sustanza, u biex tikkontesta d-decizjoni tat-tkeccija tat-2 ta' Novembru 2010. Kif gia` inghad, din id-decizjoni tirrigwarda l-aspett procedurali ta' l-ilment tar-Rikorrenti, fejn fir-risposta l-intimata rrispondiet li "wiehed irid jirrimarka preliminarjament illi galadarba l-appellanti ma kkontestatx il-forma tal-process dixxiplinarju b'mod ragunat meta l-process kien qed isir, hu difficli ghall-intimati li jikkontrastaw l-asserzjoni taghha illi tali process mhuwiex validu. Minghajr pregudizzju ghal kull sottomissjoni ohra li tista' ssir jekk u meta l-appellanti tinkwadra ahjar il-kontestazzjoni taghha, hi l-fehma tal-appellati illi stante illi l-process dixxiplinarju hu wiehed illi jaqa' fil-funzjoni manigerjali u galadarba ma hemmx xi procedura dixxiplinari ffissata minn xi ftehim kollettiv jew dokument iehor b'forza kuntrattwali, difficli wiehed jifhem x'inhuma l-kontestazzjonijiet dwar il-forma li qed tavvanza l-appellanti."

Bhala provi tressqu d-dikjarazzjonijiet tal-kaz rispettivi, numru sostanzjali ta' dokumenti li jinkludu xhieda moghtija waqt il-process dixxiplinari li nzamm fl-

2010, kif ukoll gie allegat il-process ta' l-ewwel kaz quddiem it-Tribunal Industrijali kif ukoll xhedet ir-rikorrenti biex tispjega d-dokumenti esebiti minnha. Tressqu wkoll noti ta' sottomissjonijiet u saru sottomissjonijiet ulterjuri.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-Rikorrenti spjegat fin-Nota ta' sottomissjonijiet taghha li dan l-ilment preliminari taghha jirrammifika f'zewg ilmenti: ma setghux jinhargu akkuzi godda, u li l-procedura dixxiplinari tal-2010 kienet difettuza.

Dan it-Tribunal irid jissofferma mill-ewwel li parti sostanzjali mill-litigju quddiem dan it-Tribunal johrog mid-dicitura xejn felici tad-decizjoni tat-tkeccija tat-2 ta' Novembru 2010 fejn gie konkluz li ghar-ragunijiet moghtija t-tkeccija tar-Rikorrenti "kienet gustifikata". Din id-dicitura taghti wiehed x'jifhem li qed tigi approvata t-tkeccija tal-2005, imma bhala fatt jirrizulta li r-Rikorrenti twaqqfet mill-impieg u waqfet tithallas is-salarju b'effett minn dakinhar tat-2 ta' Novembru 2010. Il-Qorti ta' l-Appell irreintegrat lir-Rikorrenti fil-pozizzjoni li kienet proprju <u>qabel</u> tkecciet, u ghalhekk ma kien hemm ebda tkeccija valida x'tigi affermata bid-decizjoni tat-2 ta' Novembru 2010. Id-decizjoni tat-2 ta' Novembru 2010 kienet fil-fatt id-decizjoni tat-tkeccija, u kieku ma kienx hekk allura din il-kaz tressaq quddiem it-Tribunal tardivament. Fit-tielet paragrafu mill-ahhar tar-Rikors promotur taghha, r-Rikorrenti tghid li qed tikkontesta kemm it-tkeccija tal-1 ta' Settembru 2005, kemm il-proceduri dixxiplinari, kif ukoll it-tkeccija tat-2 ta' Novembru 2010. Madankollu illum il-gurnata m'hemmx x'jigi kkontestat dwar it-tkeccija tal-1 ta' Settembru 2005 ghaliex id-decizjoni tal-Qorti ta'l-Appell poggiet lir-Rikorrenti fil-pozizzjoni li kienet <u>qabel</u> il-licenzjament taghha. It-tkeccija tal-1 ta' Settembru 2005 gia` giet ikkontestata u llum il-gurnata l-kontestazzjoni tikkostitwixxi *res judicata*. Jekk minkejja dan ir-Rikorrenti xorta ghadha thoss li trid tressaq ilment dwar it-tkeccija tal-1 ta' Settembru 2005, tali ilment taghha hawnhekk huwa fi kwalunkwe kaz tardiv b'xi hames snin.

Tenut kont dan kollu, jibqa' li dan it-Tribunal jinvestiga biss il-procedura dixxiplinari tal-2010 u t-tkeccija tat-2 ta' Novembru 2010. Wara li inghad dan issir referenza ghas-sottomissjonijiet tar-Rikorrenti u jigi notat li l-ewwel sottomissjoni dwar irregolarita` tat-tkeccija sommarja tal-2005 hija sottomissjoni dwar "kaz maghluq", u ghalhekk dan it-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

It-tieni sottomissjoni u ilment tar-Rikorrenti (minn paragrafu 8 'il quddiem) jghid li l-licenzjament tal-1 ta' Settembru 2005 kien jitkellem fuq akkuza wahda specifika u ohrajn generici, mentri fil-11 ta' Gunju 2010 inhargu akkuzi "godda" li huma ferm aktar gravuzi, b'dan li d-drittijiet tar-Rikorrenti regghu inkisru. Ir-Rikorrenti tippretendi li fl-akkuzi tal-11 ta' Gunju 2010 "ma kellu jkun hemm xejn go fiha li b'mod jew iehor itaqqal u jirrendi aktar gravuza l-qaghda li tohrog minn *snapshot* tas-sitwazzjoni ezistenti fil-mument tat-tkeccija, jigifieri fl-1 ta' Settembru 2005." Din il-pretensjoni tar-rikorrenti hija gratuwita ghaliex il-Qorti tal-Appell poggiet lir-Rikorrenti fil-pozizzjoni li kienet QABEL il-licenzjament taghha, proprju ghaliex l-akkuzi li gew inkorporati fl-ittra tal-1 ta' Settembru 2005 kienu generici wisq u minhabba f'hekk ir-Rikorrenti ma setghetx tiddefendi ruhha. Il-Qorti tal-Appell ma qalitx li t-tkeccija tar-Rikorrenti ghandha tigi investigata a bazi tal-akkuza wahdanija indikata fl-ittra tal-1 ta' Settembru 2005, imma qieghdet lir-rikorrenti fil-puzizzjoni li kienet QABEL l-1 ta' Settembru 2005. Fi kliem iehor il-Qorti ta' l-Appell qed tregga' l-arlogg lura ghall-31 ta' Awwissu 2005, b'dan li dak li gara fl-1 ta' Settembru 2005 ghandu jigi skartat u njorat kompletament. Ghalhekk dan l-ilment mhux gustifikat.

Dan it-Tribunal issa jghaddi biex jikkonsidra l-ilmenti dwar il-proceduri dixxiplinari tal-2010. It-tielet ilment u sottomissjoni (minn paragrafu 15) huwa bbazat fuq il-fatt li d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tat-2 ta' Novembru 2010 gie iffirmat minn wiehed biss miz-zewg membri ta' l-istess Bord, u allura "dan jirrendi l-vot invalidu u null." Kif sew jissottometti l-abbli difensur tal-

kumpanija intimata, l-istess kumpanija ma kinitx marbuta bi procedura specifika ghal biex tmexxi kaz ta' dixxiplina: la hemm procedura stabbilita fil-kuntratt ta' ingagg, la hemm xi Ftehim Kollettiv li jitkellem fuqha u anqas jezisti xi dokument iehor maqbul bejn iz-zewg partijiet li jirregola l-proceduri dixxiplinari. Anqas ma tezisti xi ligi li tghid li kull tkeccija tehtieg investigazzjoni minn Bord ta' dixxiplina, kif anqas tezisti xi ligi li torbot lill-kumpaniji li jwaqqfu Bord ta' Dixxiplina biex jinvestiga kaz ta' dixxiplina. Igifieri ma kien ikun hemm ebda infrazjoni tal-ligi kieku l-Human Resources Manager Charlo` Bonnici investiga l-kaz wahdu u ha d-decizjoni f'isem il-kumpanija wahdu. Il-fatt li twaqqaf Bord li kien jinkludi wkoll ic-Chief Executive Officer Nathalie Briffa Farrugia jirrifletti decizjoni interna tal-kumpanija intimata, u r-Rikorrenti m'ghandhiex jedd tikkontesta decizjonijiet interni tal-kumpanija, dment li tali decizjoni ma ccahhadhiex minn xi jedd li hija akkwistat b'xi kuntratt, Ftehim Kollettiv jew ligi applikabbli. Mill-provi li ghandu quddiemu dan it-Tribunal ma jirrizultax li r-Rikorrenti akkwistat tali jedd u allura l-kumpanija intimata kienet intitolata tadotta kwalunkwe procedura li trid, basta din tinkwadra fil-harsien tal-gustizzja naturali.

Ir-Rikorrenti tissottolinea l-fatt li d-decizjoni tat-2 ta' Novembru 2010 ma kinitx iffirmata mic-Chief Executive Officer, u allura kienet nulla. Dan it-Tribunal jinnota li l-gurisprudenza Maltija dejjem irriteniet li n-nullita` hija mizura estrema u sa fejn hu possibbli tali nullita` ghandha tigi sanata; jinghad ukoll li nullita` ma tigix sanata biss meta d-difett nullifikanti ippregudika lil xi parti involuta li allura mhux ser ikollha rimedju. Hawnhekk ir-Rikorrenti ma gietx pregudikata minhabba l-fatt li wahda mill-membri tal-Bord ma ffirmatx id-decizjoni. Wara kollox dan it-Tribunl jinnota li anke d-Dikjarazzjon tal-Kaz ta' l-istess Antoinette Vella ma giex iffirmat, u dan it-Tribunal ma jhossx li ghandu jiehu mizuri drastici minhabba dan id-difett. Jekk ghall-grazzja tal-argument jinghad li l-ittra tat-2 ta' Novembru 2010 kienet nulla, il-mistoqsija li ssegwi tkun: setghet CareMalta Limited tkecci lir-Rikorrenti mill-impieg minghajr ma jkun hemm dokument formali li juri dan? Ir-risposta tinsab f'Artikolu 36 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, subinciz (14) li jippermetti

lill-principal “jibghat” lill-impjegat meta jkun hemm raguni tajba. Dan ifisser li mhemmx htiega ta’ dokumenti partikolari biex impjegata tintbghat mill-impieg taghha. Bl-ittra tat-2 ta’ Novembru 2010 u minghajrha, harget cara l-pozizzjoni tal-principal, l-intimata odjerna: ir-Rikorrenti kellha titkecca mill-impieg, u hekk sehh, u dan ma jivvjola ebda ligi. Ghalhekk din is-sottomissjoni u ilment tar-Rikorrenti mhix gustifikata.

Ir-raba’ ilment u sottomissjoni tar-Rikorrenti (minn paragrafu 17 ‘il quddiem) tghid li “ladarba l-proceduri kollha fil-Kaz numru 2223/HW gew dikjarati nulli, mhux konsentit li jintuzaw provi hemm migbura: *quod nullum est, nullum producit effectum*.” Imma minn ezami akkurat tas-sentenza jirrizulta li dik il-Qorti ma tghid xejn minn dan, izda b’referenza ghas-sentenza appellata tghid “illi l-parti disposittiva tikkontjeni kontradittorjeta` insanabbli u dan igib li s-sentenza ghandha titwarrab u sostitwita bil-provvediment infraskritt.” Il-Qorti tal-Appell ma ccensuratx il-mod ta’ kif tressqu l-provi quddiem it-Tribunal tal-prim' istanza, imma ccensurat il-fatt li fuq il-provi mressqa it-Tribunal ma rreintegrax lir-Rikorrenti fl-impieg taghha. Dan it-Tribunal xejn ma jaqbel mat-tezi tar-Rikorrenti li l-provi migbura fil-Kaz 2223/HW fihom xi difett li minhabba fih ghandhom jitwarrbu wkoll. Se mai, jekk u meta jibda jigi investigat il-mertu, ir-Rikorrenti jkollha dritt tirribatti kwalunkwe allegazzjoni jew prova li tressqet f'dak l-istadju. Ghal dawn il-motivi ghanke din il-lanjanza qed tigi rigettata.

Il-hames ilment u sottomissjoni tar-Rikorrenti johrog xi ftit f' paragrafu 16 u imbaghad minn paragrafu 20 *et sequitur* fejn jinghad li la Nathalie Briffa Farrugia bhala CEO u anqas Charlo` Bonnici bhala HR Manager ma kienu persuni indipendenti u imparzjali: “il-kompozizzjoni tal-Bord kienet tilledi d-drittijiet tal-impjegata.” L-abbli difensur tar-Rikorrenti jargumenta li dawn iz-zewg persuni huma rapprezentanti tal-kumpanija hawn intimata, u allura d-decizjoni taghhom kienet bi ksur tal-principju *nemo judex in causa propria*. Dan hu argument dibattibbli fis-sens li huwa veru li sa fejn hu possibbli kull min ikun qed jigi investigat ghandu jinghata smiegh xieraq u ghandu jinghata l-

opportunita li jiskolpa ruhhu mill-akkuzi cari migjuba kontrih, imma mhux principju stabbilit b'ligi jew gurispurdenza li l-principal hu tenut ad validatem li jingagga persuna indipendenti biex tinvestiga kaz dixxiplinari li jista' jwassal ghal tkeccija. Kieku kellha tigi accettata t-tezi tar-Rikorrenti ikun qed jinfetah bieb li fil-prattika mhux dejjem jaghmel sens. Skond it-tezi tar-Rikorrenti, jekk principal, li jhaddem biss zewg impjegati, jaqbad fil-fatt lil wiehed minn dawn iz-zewg impjegati jisraqlu l-flus, il-principal m'ghandux dritt jitlob spjega minn ghand l-impjegat u fin-nuqqas taghha jkeccih immedjatament, izda ghandu jhalli lill-impjegat fl-impieg, jingagga persuna indipendenti, u imbaghad tkun dik il-persuna indipendenti li tiddeciedi x'isir. Il-ligi trid tipprotegi lill-impjegat li qieghed f'puzizzjoni dghajfa, izda ma tirrikjedix li tkeccija ssir wara investigazzjoni minn persuna jew persuni indipendenti, propjru ghax fil-prattika dan jista' jkun ta' detriment ghal principal genwin. Kull kaz ghandu jigi valutat fuq il-merti tieghu: il-principal jew ir-rapprezentant tieghu ghandu dritt jisma' u jiddeciedi kaz ta' dixxiplina; jekk ghal kwalunkwe raguni dan jiddeciedi hazin, imbaghad hemm it-Tribunal Industrijali ghal biex jaghti rimedju. Huwa imbaghad it-Tribunal Industrijali li necessarjament ikun indipendenti u imparzjali. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti biss kieku fil-kuntratt tal-ingagg tar-Rikorrenti, f'xi Ftehim Kollettiv jew f'xi ftehim iehor l-intimata intrabted li f'kaz ta' proceduri dixxiplinari dawn jitmexxew minn persuna jew Bord indipendenti. Ma giex pruvat li dan kien il-kaz, u ghalhekk dan l-ilment mhuwiex gustifikat.

Finalment dan it-Tribunal huwa sodisfatt li r-Rikorrenti verament ikkontestat il-procedra dixxiplinari tal-2010 mill-bidu nett fuq l-ilmenti gia` investigati hawn fuq (hlief ghall-invalidita` tad-decizjoni minhabba nuqqas ta' firma minn membru tal-Bord); il-Bord jinnota l-oggezzjoni tal-konsulent legali tal-Intimata ghall-prezentata ta' korrispondenza bejn l-avukati. Minghajr ma jehtieglu li jidhol f'din il-polemika, dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-intimata li r-Rikorrenti ma kellhiex dritt tqajjem oggezzjonjiet dwar il-procedura adotta mill-Bord ta' Dixxiplina ghaliex hija ssoggettat ruhha ghalih. Ir-Rikorrenti ghamlet sew li assoggettat ruhha ghal dik l-investigazzjoni, u ghamlet sew ukoll li l-ilmenti

taghha ressqithom quddiem dan it-Tribunal. Madankollu, wara li dan it-Tribunal investiga l-ilmenti procedurali kollha tar-Rikorrenti, mhux qed isib li tali ilmenti huma gusitfikati, u dan ghar-ragunijiet kollha moghtija hawn fuq.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddecidi parzjalment dan il-kaz billi fl-ewwel lok jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba li biha giet ikkontestata t-tkeccija tal-1 ta' Settembru 2005, fit-tieni lok jiddeciedi li l-procedura adottata mill-kumpanija intimata fl-2010 sabiex jigi investigat il-kaz tar- Rikorrenti ma kien fiha xejn li jirrendiha nulla jew invalida, u fit-tielet lok jiddeciedi li t-tkeccija tat-2 ta' Novembru 2010 ma kienx fiha difett procedurali insanabbli, u ghalhekk hija valida. Fuq l-iskorta ta' dan, it-Tribunal jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz fuq il-punti l-ohra li mhumiex hawn decizi.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman